Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali joġħġobha tiddikjara:

— prinċipalment: l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-20 ta' April 2011, dwar il-miżuri implimentati mid-Danimarka (C-2/03) għal TV2/Danmark, sa fejn hija tikkonstata li l-miżuri investigati jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (premessi 101 u 153 u l-ewwel paragrafu tal-konklużjoni tad-deċiżjoni).

— sussidjarjament: l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-20 ta' April 2011, dwar il-miżuri implimentati mid-Danimarka (C-2/2003) għal TV2/Danmark sa fejn tikkonkludi li:

  — l-miżuri investigati jikkostitwixxu għajnuna ġdida li għalhekk kellhom jiġu nnotifikati (premessa 154 u l-ewwel paragrafu tal-konklużjoni tad-deċiżjoni);

  — li d-drittijiet tal-liċenzji li, fis-snin 1997-2002, ġew trasferiti lir-reġjuni permezz ta' TV2, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat għal TV2 (premessa 194 tad-deċiżjoni), u

  — li d-dħul mir-reklamar li, fl-1995 u fl-1996 u fil-ħin tal-ġheluq tal-Fond TV2 fl-1997 ġie ttrasferit mill-Fond TV2 għal TV2, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat għal TV2 (premessi 90, 92, 193 u 195, mat-Tabella 1).

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 107(1) TFUE, l-Artikolu 14 TFUE u l-Protokoll ta' Amsterdam. Ir-rikorrenti ssostni:

— li r-rikorrenti ma rċevietx għajnuna mill-Istat, peress li l-miżuri investigati ma kinux ta' benefiċċju għal TV2/Danmark fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, iżda kienu biss kumpens għas-servizzi pubbliċi pprovduti minn TV2/Danmark. Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma applikatx il-kundizzjonijiet fis-sentenza Altmark skont l-ispirtu u l-għan tagħhom maħsub u kkonkludiet, b'mod żbaljat, li t-tieni u r-raba' kundizzjonijiet tas-sentenza Altmark ma kinux ġew sodisfatti.

— li l-allegata għajnuna lil TV2/Danmark fil-forma ta' drittijiet tal-liċenzji u eżenzjonijiet mit-taxxa tal-kumpanniji ma kinitx għajnuna ġdida fis-sens tar-Regolament Nru 659/1999 ([1]), peress li dawn l-arranġamenti kienu saru qabel l-adeżjoni tad-Danimarka għall-Unjoni Ewropea;

— li d-drittijiet tal-liċenzji li ġew trasferiti lejn ir-reġjuni permezz ta' TV2/Danmark mill-1997 sal-2002 ma jistgħux ikunu kkwalifikati bħala għajnuna mill-Istat lil TV2/Danmark, peress li TV2/Danmark ma kinitx il-benefiċjarja effettiva ta' dawn il-fondi, u

— li l-fondi li ġew trasferiti minn TV2 Reklame A/S permezz tal-Fond TV2 lil TV2/Danmark li kienu ġejjin mill-bejgħ ta' reklamar ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, peress li dawk kienu ħlas għax-xandir ta' TV2/Danmark ta' reklamar fuq in-netwerk tax-xandir ta' TV2/Danmark.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-[Artikolu 108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Jannar 2012 — Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-1/12)

(2012/C 80/35)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. Belliard, G. de Bergues u J. Gstalter, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali joġħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni C(2011) 7808 finali, tal-24 ta' Ottubru 2011, li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet iddikjarat inkompatibbli mas-suq intern għajnuna għar-ristrutturazzjoni ppjanata mill-awtoritajiet Franċiżi favur SeaFrance SA taħt il-forma ta' żieda fil-kapital u ta' self mogħti mis-SNCF lil SeaFrance.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE meta l-Kummissjoni kkunsidrat li n-natura raġonevoli taż-żewġ atti ta' self ippjanati mis-SNCF kellha tiġi evalwata flimkien mal-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni. Dan il-motiv jinqasam f'żewġ partijiet ibbażati:

  — minn naħa, fuq il-fatt li l-Kummissjoni kienet interpretat b'mod żbaljat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 1998, BP Chemicals vs Il-Kummissjoni (T-11/95, Ġabra p. II-3235), u

— min-naħa l-oħra, sussidjarjament, fuq il-fatt li l-Kummissjoni kienet applikat b'mod żbaljat l-imsemmija sentenza tal-Qorti Ġenerali.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE meta l-Kummissjoni kkunsidrat, b'mod abbondanti, li l-awtoritajiet Franċiżi ma wrewx li, evalwati waħedhom, iż-żewġ atti ta' self previsti mis-SNCF kienu ngħataw b'rata tas-suq. Dan il-motiv jinqasam f'żewġ partijiet ibbażati:

— Minn naħa, fuq il-fatt li l-Kummissjoni eskludiet b'mod żbaljat l-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Jannar 2008, dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont [1], għaż-żewġ atti ta' self inkwistjoni u

— min-naħa l-oħra, fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li, biex tkun konformi mas-suq, ir-rata tas-self inkwistjoni kellha tkunu madwar 14 %.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq żbalji ta' liġi u ta' fatt meta l-Kummissjoni kkunsidrat li l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni hija inkompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c) TFUE interpretata fid-dawl tal-linji gwida dwar l-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni.

(4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 345 TFUE li jipprovdi li t-Trattati għandhom ikunu bla ebda preġudizzju għas-sistema ta' proprjetà fl-Istati Membri.

[1] ĠU C 14, p. 6

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2012 — Interbev vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-18/12)

(2012/C 80/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Association Nationale Interprofessionnelle du Bétail et des Viandes (Interbev) (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: P. Morrier u A. Bouviala, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Nru C(2011) 4923 finali, tat-13 ta' Lulju 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.14974 (C 46/2003) — Franza — dwar il-kontribuzzjonijiet favur INTERBEV, li għadha ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sa fejn din tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat l-azzjonijiet imwettqa minn INTERBEV bejn l-1996 u l-2004 fil-qasam tar-riklami, tal-promozzjoni assistenza teknika, u tar-riċerka u l-żvilupp minn naħa u l-kontribuzzjonijiet volontarji li huma intiżi sabiex jiffinanzjaw dawn l-azzjonijiet, peress li riżorsi tal-Istat jagħmlu parti integrali mill-miżuri ta' għajnuna mill-Istat iċċitati iktar 'il fuq, min-naħa l-oħra;

— sussidjarjament, tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Nru C(2011) 4923 finali, tat-13 ta' Lulju 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.14974 (C 46/2003) — Franza — dwar il-kontribuzzjonijiet favur INTERBEV, li għadha ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sa fejn din tistieden lill-qrati nazzjonali sabiex jipproċedu għar-rimbors tal-kontribuzzjonijiet volontarji estiżi (deċiżjoni kkontestata, punti 201 u 202);

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq motivazzjoni insufficjenti tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-Artikolu 296 TFUE u b'mod partikolari tal-kundizzjonijiet rigward i) vantaġġ ekonomiku selettiv favur operaturi fil-qasam tal-annimali tal-ifrat u tan-nagħaġ, ii) l-oriġini Statali tal-azzjonijiet mwettqa mir-rikorrenti, iii) effett ħażin fuq il-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u iv) ir-rabta restrittiva bejn l-azzjonijiet imwettqa mir-rikorrenti u l-kontribuzzjonijiet volontarji estiżi, magħrufa wkoll bħala kontribuzzjonjiet volontarji obbligatorji, miġbura bejn l-1996 u l-2004.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE sa fejn l-azzjonijiet imressqa mir-rikorrenti bejn l-1996 u l-2004:

— ma humiex imputabbli għall-Istat u l-kontribuzzjonijiet volontarji estiżi li iffinanzjawhom ma jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat u bl-ebda mod ma huma imputabbli għall-Istat Franċiż;

— ma jikkostitwixxux vantaġġ ekonomiku għal wieħed jew iktar benefiċċjarji;

— ma jaffettwawx, lanqas potenzjalment, il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn Stati Membri.